31977R2962

30.12.1977 *IL-ĠURNAL UFFIĊJALI TAL-KOMUNITAJIET EWROPEJ* L 348/53

IR-REGOLAMENT TAL-KUMMISSJONI (KEE) Nru 2962/77

tat-23 ta' Diċembru 1977

li jemenda r-Regolament (KEE) Nru 616/72 dwar regoli dettaljati sabiex jiġu applikati rifużjonijiet fuq l-esportazzjoni u mposti fuq iż-żejt taż-żebbuġa

IL-KUMMISSJONI TAL-KOMUNITAJIET EWROPEJ,

Wara li kkunsidrat it-Trattat li jistabbilixxi l-Komunità Ekonomika Ewropea,

Wara li kkunsidrat ir-Regolament tal-Kunsill Nru 136/66/KEE tat-22 ta' Settembru 1966 dwar it-twaqqif ta' organizzazzjoni komuni tas-suq fiż-żjut u x-xaħmijiet [1], kif l-aħħar emendat bir-Regolament (KEE) Nru 1707/73 [2];

Wara li kkunsidrat ir-Regolament tal-Kunsill Nru 162/66/KEE tas-27 ta' Ottubru 1966 dwar kummerċ fiż-żjut u x-xaħmijiet bejn il-Komunita u l-Greċja [3],

Wara li kunsidrat ir-Regolament tal-Kunsill Nru 171/67 KEE tas-27 ta' Ġunju 1967 dwar rifużjonijiet ta' esportazzjoni u mposti fuq iż-żejt taż-żebbuġa [4], kif l-aħħar emendat bir-Regolament (KEE) Nru 2429/72 [5], u partikolarment l-Artikolu 11 miġjub fih,

Billi, taħt l-Artikolu 16 tar-Regolament tal-Kummissjon (KEE) Nru 2960/77 tat-23 ta' Diċembru 1977 dwar regoli dettaljati għall-bejgħ taż-żejt taż-żebbuġa miżmuma mill-aġenziji ta' l-intervent [6], żjut esportati bl-offerta ma jikkwalifikawx għar-rifużjonijiet ta' esportazzjoni; billi, f' ċerti każijiet, żjut mibjugħa bl-offerta għal esportazzjoni huma mħallta qabel l-esportazzjoni ma' żjut mixtrija fis-suq tal-Komunità; billi għandu għalhekk jiġi speċifikat li rifużjonijiet ta' esportazzjoni huma riservati għaż-żejt mixtri fis-suq, jew iż-żejt proċessat minnu, li huwa wżat fil-fabbrikazzjoni tat-taħlita esportata;

Billi l-miżuri provvduti f'dan ir-Regolament huma b'mod konformi ma' l-opinjoni tal-Kumitat ta' Ġestjoni taż-Żjut u x-Xaħmijiet,

ADOTTAT DAN IR-REGOLAMENT:

Artikolu 1

L-Artikolu 1 tar-Regolament tal-Kummissjoni (KEE) Nru 616/72 tas-27 ta' Marzu 1972 dwar regoli dettaljati għall-applikazzjoni ta' rifużjonijiet fuq l- esportazzjoni u mposti fuq iż-żejt taż-żebuġa [7], huwa hawnhekk emendat biex jinqara kif ġej:

"*Artikolu 1*

1. Ir-rifużjonijiet fuq l- esportazzjoni għandhom jingħataw biss fuq żjut taż-żebbuġa b' kontenut ħieles ta' aċidi xaħmi espress bħala aċidu olejku ta' mhux aktar minn 30 gramma kull 100 gramma.

2. Billi ż-żejt taż-żebbuġa esportat huwa taħlita li jaqa' taħt is-sottointestatura 15.07 A II kompost minn:

(a) żejt mixtri bi tweġiba għal stedina għall-offerti għal esportazzjoni, u

(b) żejt mixtri direttament fis-suq tal-Komunità,

ir-rifużjoni fissatta għaż-żjut li jaqgħu taħt is-sottointestatura 15.07 A II għandu jingħata biss rigward il-kwantità miksuba direttament mis-suq tal-Komunità."

Artikolu 2

Dan ir-Regolament għandu jidħol fis-seħħ fil-jum ta' wara l-pubblikazzjoni tiegħu fil-*Ġurnal Uffiċjali tal-Komunitajiet Ewropej*.

Dan ir-Regolament għandu jorbot fl-intier tiegħu u japplika direttament fl-Istati Membri kollha.

Magħmul fi Brussel, fit-23 ta' Diċembru 1979.

Għall-Kummissjoni
Finn GUNDELACH
Viċi-President

---

[1] ĠU C 172, tat-30.9.1966, p. 3025/66.
[2] ĠU L 175, tad-29.6.1973, p. 5.
[3] ĠU C 197, tad-29.10.1966, p. 3393/66.
[4] ĠU C 130, tat-28.6.1967, p. 2600/67.
[5] ĠU L 264, tal-21.11.1972, p. 1.
[6] Ara paġna 46 ta' dan il-Ġurnal Uffiċjali.
[7] ĠU L 78, tal-31.3.1972, p. 1.